# KLIEM MALTI MITLUF JEW MINSI

Il-lsien Malti, bħalma huma l-ilsna kollha, sejjer dejjem jonqos u jiżdied, jitlef u jirbaħ, jitbiddel u jibqa' dejjem li hu. Imdawwar kif inhu b'ilsna barranin, jiġri bosta drabi li kelma barranija tidħol u toqgħod ma' ġenb il-kelma maltija. Għax barranija, narawha isbaħ, togħġobna aktar u lilha dejjem naħtru fil-kitba jew fit-taħdit. U hekk il-kelma maltija għalkemm tfisser ħaġa waħda bħalha nibdew natuha l-ġenb sakemm inbarruha għal kollox, u dik il-kelma tintesa, tnin u qajl qajl tintilef u tmut għal kollox.

Ħafna kliem Malti tlifnieh minnħabba dil-ġibda lejn il-kliem barrani. Iżda madankollu xi fdalijiet żgħar ta' kliem mitluf, xi leħen mitfi ta' kliem minsi għoddu mejjet għad baqa' fil-Malti, l-aktar fil-kunjomijiet, fil-laqmijiet, fl-ismijiet ta' mkenijiet li ma jistgħux jitbiddlu minn kliem barrani.

Ġmajt hawnhekk xi ftit kliem, li dari kellna fil-Malti u li baqa' ħajj biss f'xi kunjom, jew f'xi qawl jew f'xi għidud ieħor.

*Għaġuż*, tfisser *wieħed imdaħħal fiż-żmien u li saħtu bdiet tonqos.* Ma tfisserx sewwa sew *xiħ*, għax xiħ, jista' jkun għadu f'saħtu sewwa. Kelma għoddha mietet. Għadna ngħidu: *il-għaġuża ma tridx tmut*, għal wieħed li għalkemm xiħ irid dejjem jitgħallem. Fil-ħrejjef tagħna f'nofs ir-Randan dari kienu joqtlu l-*għaġuża*, jiġifieri, l-ixjeħ mara. Għadha wkoll ħajja fil-kunjom *Agius*, iżda mill-bqija ntilfet għal kollox.

*Xerraħ*, tfisser *qattagħ il-laħam bċejjeċ.* Fil-Għarbi tfisser ukoll *qattagħ il-ġisem mejjet għat-tagħlim* (anatomia, autopsia), Is-sajjieda tagħna *jxerrħu* l-lixka, jigifieri, jqattgħuha bċejjeċ bċejjeċ qabel ma jwaħħluha fis-sunnara. Minn dan il-verb ġejja l-kelma *xriħa*, li tfisser *taqtigħa*, li baqgħet biss fil-kunjom *Xriħa.*

*Samat*; tfisser *ħaraq bl-ilma jagħli*, u tfisser ukoll *kien sieket.* Din it-tieni tifsira mhi msemmija u la minn Caruana u l-anqas minn Vassalli, iżda B. Roudanovsky fil-ktieb *Quelques particularités du dialecte Arabe de Malte*, 2me edit., Beyrouth, 1911, faċċ 37 isemmi dal-qawl malti: *ibża mill-kelb is-samut*, li f'għamla oħra ngħiduh: *il-kelb il-ħiemed ibża' minnu* (M.A. Vassalli, *Molti, aforismi e proverbi Maltesi*, Malta, 1828, n. 401). Għalhekk naħseb li fil-Malti kellna dit-tifsira wkoll u tlifnieha. Minn dal-verb gejjin il-kunjomijiet *Sammut* u *Zammit* li jfissru t-tnejn *sieket*, bħalma



jfissru fil-Għarbi *samût* u *simmît*, li huma żewġ għamliet ġejjin minn verb wieħed.

*Farruġ*, *Farruġa* ifissru *fellus*, *fellusa.* Żewġ kelmiet li fil-Malti baqgħu biss f'isem ta' raħal qadim bejn Ħal-Qormi u l-Imqabba, *Ħal-Farruġ* u fil-kunjom *Farrugia*, li bir-reqqa għandu jinkiteb *Farruġa.*

*Qasgħa*, tfisser *platt kbir bħal lenbija li jesa' ikel għal ħafna nies.* Kelma li għabet mill-Malti, iżda ħalliet warajha l-kunjom *Casha*, li jinkiteb ħażin.

*Xâreb*, pl. *Xwâreb*, tfisser *mustaċċi.* Baqgħet biss fil-kunjom *Xuereb.*

*Nadar*, tfisser *ħares, għarrex, għasses.* *Nadur* hu isem ta' ħafna postijiet għoljin li fihom dari aktarx kienu jagħmlu l-għassa ta' Malta u Għawdex. Minn hawn ukoll ġejja l-kelma *Mnajdra*, isem ta' post qrib Ħaġar Qim.

*Ħida*, isem ta' tajra li l-lum igħidulha *astur.* Ma nafx għadx baqa' min igħidilha *ħida.* Fil-lista ta' ismijiet ta' għasafar magħmula minu N. Ardoino (*Gli uccelli di Malta*, 1928) dan l-isem ma jinsabx. Iżda hawn inħawi Malta u Għawdex li għadhom igħidulhom *ta' ħida.*

U kliem ieħor bħal dan nistgħu inżidu wisq aktar. Xi kliem ieħor baqa' ħajj biss fit-talb u tagħlim nisrani. Insemmi xi waħda jew tnejn:

*Tewba*, tfisser *penitenza.* Ngħidu fid-duttrina: agħmel *it-tewba* li jatik il-konfessur.

*Għarib, għorba*, tfisser *wieħed li qiegħed f'art jew f'pajjiż barrani.* Fost l-opri tal-ħniena li jmissu l-ġisem tgħallimna d-duttrina: ilqa' *l-għorba.*

Fil-Paternoster ingħidu: aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu *ħâti għalina.* Ir-rabta tal-kelma *għal* mal-verb *ħáta* fil-Malti ma nsibuha mkien ħlief f'din it-talba. U madankollu biha nistgħu nfissru tajjeb dak li aktarx infissruh bi kliem barrani. *Ħata għal xi ħadd* tfisser *għamel ħtija* *kontra tiegħu, offendieh.* Fi *Ktieb l-Eżodu* 32, 33 naqraw: U qal il-Mulej: *Min ikun ħati għalija, lilu nħassar minn* *ktiebi.* Jeħtieġ li dal-verb jidħol aktar fil-kitba maltija.

Minn dan naraw li fiż-żmien li għadda l-Malti kellu kliem aktar milli għandu l-lum. Dak li tilef tilfu minnħabba n-nuqqas ta' kitba u minnħabba l-ilsna barranin li bihom imdawwar. Għalhekk inħabirku biex niktbu kemm nifilħu, imma niktbu kitba tajba, mirquma bir-reqqa u bis-sengħa, u jekk ma nistgħux inroddu lill-Malti dak li tilef, inkunu nistgħu għall-inqas inżommu fil-Malti dak li baqâlu.

Sajdun.